**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 20 ta' Awwissu 2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Anthony Zammit**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0206685M)

**u**

**OMISSIS**

**Il-Qorti,**

Rat li Anthony Zammit ta' 39 sena, iben Joseph Zammit u Elizabeth xebba Fenech, imwieled il-Pieta' nhar 1-21 ta' Novembru 1984, residenti 109, Joealice, Triq Amleto Spiteri, Hal-Qormi u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0206685M, u OMISSIS tressqu taħt arrest u ġew akkużati talli nhar is-seba' (07) ta' Awwissu 2024 u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, f diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom.

U Anthony Zammit waħdu akkużat talli, nhar is-seba' (07) ta' Awwissu 2024 u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet

differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' talli ġewwa Trejqet ix-Xilep ġewwa ix-Xgħajra u/jew f'bnadi oħra f dawn il-Gżejjer Maltin;

2. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa aggravat bil- mezz u valur liema valur tal-ħaġa misruqa ma kienx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu €2,329.37 u dan sar għad-detriment ta' Aaron Paul Mifsud u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

3. U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-mitejn u ħamsin euro (€250) u dan sar għad-detriment ta' Aaron Paul Mifsud u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

4. U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u valur, liema valur tal-ħaġa misruqa ma kienx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' Adolph Micallef u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

5. U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u valur liema valur tal-ħaġa misruqa ma kienx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' Etienne Mizzi u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

6. U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa aggravat bil- mezz, lok u valur liema valur tal-ħaġa misruqa ma kienx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' John Zerafa u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

7. U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa aggravat bil- mezz u valur liema valur tal-ħaġa misruqa ma kienx iżjed

minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' Vincent Bondin u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

8. U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan.

9. U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, uża vettura bil-mutur mingħajr ma kellu fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

10. U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, wettaq reat waqt li kien qiegħed taħt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża li ngħatat lilu nhar 1-14 ta' Mejju 2024 mill-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco LL.D.

11. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat Anthony Zammit bħala li hu reċidiv ai termini ta' 1-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

U lil OMISSIS waħedha f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkużata ukoll talli, bir-reat msemmi fl-ewwel imputazzjoni:

12. Wettqet reat waqt li kienet qiegħda taħt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża li ngħatat lilha nhar 1-14 ta' Mejju 2024 mill-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco LL.D.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi 1-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

F'każ ta' ħtija taħt it-tmien u d-disa' imputazzjoni fil-konfront ta' Anthony Zammit, tordna li Anthony Zammit jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għall-ammont ta' Żmien skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat;

Għaldaqstant filwaqt li l-prosekuzzjoni eżebiet l-fedina penali u estratt mill-att tat-twelid tal-akkużati, talbu li dan il-każ jiġi trattat skont il-liġi.

Rat li l-Avukat Ġenerali ippreżenta l-kunsens ai termini tal-artikolu 370(4) sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, u li l-akkużat ta' l-kunsens tiegħu għal dan.

Rat illi sar l-eżami tal-akkużat skont il-liġi u li hu ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-akkużat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-akkużat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, il-Qorti laqgħet it-talba tal-prosekuzzjoni għas-separazzjoni tal-ġudizzju.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Fir-rigward tal-piena

l-Qorti ikkunsidrat li l-akkużat ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri kontra tiegħu, li uħud mill-oġġetti misruqa ġew ritornati, u li hu kkopera mal-Pulizija Eżekuttiva.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 18, 28B, 325(1)(ċ), 261(b)(ċ)(e), 263(a), 264(1), 266(1), 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a) u 280(1)(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a), 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1), 3(2)(b) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-akkużat stess il-Qorti ssib lill-akkużat Anthony Zammit, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0206685M, ħati tal akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija, u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' erbgħa (4) snin li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ, flimkien mal-piena ta' multa ta' erbat elef sitt mija u sittin Ewro (€4,660), kif ukoll skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax (12) il-xahar u tmint (8) ijiem. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, il-portata tas-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-multa imposta titħallas bin-nifs, fl-ammont ta' mija u erbgħin ewro (€140) fix-xahar.

Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li s-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onor. Maġistrat Dottor Lara Lanfranco LL.D, li bih l-akkużat kien ingħata piena ta' sitt xhur priġunerija, tibda sseħħ mil-lum.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li l-ħati għandu jħallas is-somma ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900) bħala danni lill-partijiet leża (maqsuma hekk - Aaron Paul - €250, Adolf Micallef - €550, John Zerafa - €450, Vincent Bondin - €650). Il-Qorti tagħti l-fakolta li tali ammonti jitħallsu bin-nifs, fl-ammont ta' mija u sittin ewro (€160) fix-xahar b'dana illi l-ammont sħiħ għandu jitħallas fi, żmien sena mil-lum.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ikkontemplata abbażi tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

Il-Qorti finalment tordna lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jippreżenta kopja ta' din is-sentenza lil din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onor. Maġistrat Dottor Lara Lanfranco LL.D, kif ukoll tordna n-notifika tas-sentenza lil-Kap tal-Awtorita għat-Trasport.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------